MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 414/2003

**Carmen Agius**

**vs**

**Jonathan Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm625.00) ammont pretiz rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' computer, apparat accessorju mibjughin u kkonsenjati lill-attrici illi ma kienux ta' kwalita' pattwita u kien ukoll difettuz.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, ta' l-ittra interpellatorja datata 11 ta' Novembru, 2002 u bl-imghaxijiet legali.**

**Rat ir-risposta tal-konvenut Jonathan Vella pprezentata fil-21 ta' Marzu, 2003 fejn intqal:**
**Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhal dritt stante li l-computer gie kkonsenjat fi stat tajjeb u kien minhabba intervent ta' terza persuna li kkawza l-allegat hsara.**
**Illi di piu' l-computer in kwistjoni kien inbiegh bi prezz ta' hames mitt lira (Lm500).**
**Bl-ispejjez u l-attrici hija ngunta ghas-subizzjoni.**

**Semghet ix-xhieda ta' Martin Bajjada, Carmen Agius, Diane Saliba, Emanuel Farrugia. Ra l-atti u d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici. Semgha lill-avukati tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attrici qieghda taghmel din il-kawza ghal prezz ta' computer li xtrat u ma kienx tal-kwalita' pattwita. Il-konvenut ighid illi l-computer gie konsenjat fi stat tajjeb.**
**2. Jirrizulta illi fil-fatt dan il-computer originarjament kienet intenzjonata li takkwistah Emanuela Farrugia, habiba ta' l-attrici, pero' peress illi din ma kellhiex flus bizzejjed ghalih iddecidiet li takkwistah l-attrici u hallset hamsin lira (Lm50.00) lill-konvenut.**
**3. Jigi rilevat illi kienet Emanuela Farrugia illi ghamlet l-ordni ghal computer, pero' jirrizulta illi l-konvenut kien accetta l-hlas fuq imsemmi minghand l-attrici u kien ghamel il-konsenja ta' l-istess computer lill-istess attrici. Apparti minn dan l-istess konvenut kien ikkomunika diversi drabi ma' l-attrici dwar il-problemi fil-computer li xtrat. Dana qed jinghad fis-sens illi kien hemm accettazzjoni da parti tal-konvenut li l-bejgh kien qed isir lill-attrici.**
**4. Jirrizulta illi huwa minnu illi l-computer in kwistjoni bhala *software* ma kienx originali u minhabba f'hekk gew kreati hafna problemi bil-konsegwenza li l-computer ma hadimx tajjeb,apparti li kien hemm diversi viruses fih.**

**5. Kif jikkonkludi fir-rapport tieghu Dok MB l-IT Consultant Martin Bajjada: "collectively all the hardware produced a number of errors and man functions, and/or substandard performance. The source of these errors and malfunction derive from the incorrect configuration of hardware, the haphazard installation of hardware/pirated software."**

**6. L-istess espert fir-rapport dettaljat tieghu jispjega illi l-operating system li kienet *Windows XP Professional* ma kellhiex *end user licence agreement,* kif ukoll ma kellux l-istess l-*Microsoft Office Software*. Apparti minn dan NERO Software u WINDVD ma kienux originali. Gie nnutat in oltre li kien hemm diversi Trojan viruses fis-sistema illi kienu wahda mir-ragunijiet ghal funzjonament hazin, jew non funzjonament tal-imsemmi computer.**

**7. Jigi rilevat illi Emanuela Farrugia kienet taf illi s-software ma kienx originali pero' qatt ma nfurmat b'dan lill-attrici.**

**8. Pero' jigi rilevat ukoll illi meta l-computer gie kkonsenjat lill-attrici mill-konvenut kif ukoll meta sar hlas mill-attrici, dana qatt ma nfurmaha illi s-software ma kienx originali.**

**9. Jirrizulta ghalhekk illi meta l-attrici akkwistat l-imsemmi computer minghand il-konvenut din kienet bl-impressjoni illi qieghda takkwista s-sistema originali u mhux sistema li kienet pirated.**

**10. Huwa minnu illi sar xi xoghol fuq dan il-computer minn terzi, pero' dana b'ebda mod ma jirrifletti fuq il-fatt li l-computer mill-bidu ma hadimx.**

**11. Fic-cirkostanzi t-Tribunal hu tal-fehma illi l-konvenut naqas meta ma tax l-informazzjoni li suppost ta lill-attrici apparti l-abbuz evidenti li sar. Konsegwentement in vista tal-fatt illi l-attrici harget l-ammont ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm625.00) li thallsu lill-konvenut, l-istess attrici ghandha tigi rimborsata l-imsemmi ammont.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jirrimborsa s-somma ta' sitta u hamsa u ghoxrin lira (Lm625.00) prezz ta'**

**computer u apparat accessorju. Bl-imaghxijiet legali dekorribbli millum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentantat kontestwalment ma' l-avviz, u dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 11 ta' Novembru, 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------